

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija għall-koo-perazzjoni tar-regolaturi ta' l-enerġija
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali

COM(2007) 528 finali — 2007/0195 (COD)

COM(2007) 529 finali — 2007/0196 (COD)

COM(2007) 530 finali — 2007/0197 (COD)

COM(2007) 531 finali — 2007/0198 (COD)

COM(2007) 532 finali — 2007/0199 (COD)

(2008/C 211/06)

Nhar it-18 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 44(2), 55 u 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija għall-kooperazzjoni tar-regolaturi ta' l-enerġija

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali.

Is-Sezzjoni dwar it-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-**Sur Cedrone**.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'100 vot favur, 4 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Konklużjonijiet

1.1.1 Il-KESE jevalwa pożittivament ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-tielet pakkett dwar l-enerġija — kwistjoni diffiċli u kumplessa kemm legalment kif ukoll ekonomikament u li pprovokat opinjonijiet u reazzjonijiet differenti.

1.1.2 Il-KESE jemmen li s-sitwazzjoni preżenti fis-settur ta' l-enerġija ma tistax tiġġebbed iżjed. Issa li nbeda l-proċess ta' integrazzjoni u liberalizzazzjoni, ninsabu f'salib it-toroq u rridu niddeċiedu x'direzzjoni se nieħdu. Il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija waqfet. Dan għab miegħu spejjeż transizzjonali għoljin, li ħafna drabi jistgħu jkunu ogħla mill-benefiċċji miksuba. Dawn l-

ispejjeż jirriżultaw min-nuqqas ta' qafas regolatorju armonizzat ta' l-UE u nuqqas, f'ċerti każijiet, ta' rieda vera ta' liberalizzazzjoni u ta' demarkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn id-diversi partijiet. Dan in-nuqqas ta' ċertezza regolatorja jista' jwassal għal livelli baxxi ta' investment u kompetizzjoni fis-settur. Dan ħoloq suq Ewropew frammentat u misjuq f'xi każijiet, minn eks-monopolisti għal-liema hemm bżonn li jkun hemm affirmazzjoni mill-ġdid tal-ħtieġa li l-proċess tal-liberalizzazzjoni jissokta b'mod rigoruż.

1.1.3 L-aspetti politiċi: is-suq uniku

1.1.3.1 L-element ċentrali ta' din l-istrateġija huwa l-ksib ta' suq Ewropew uniku ta' l-enerġija. L-UE trid tfassal strateġija

komuni li permezz tagħha tkun tista' taġixxi malajr u b'vuċi waħda u li tinneogzja b'saħħa akbar fuq il-livell internazzjonali. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ir-regolaturi u t-TSOs hija b'żonn kruċjali sabiex jitwettqu bidliet strutturali mmirati sabiex jintegraw it-tħaddim u l-iżvilupp tas-sistema fil-livell reġjonali. L-Istati Membri individwali jridu jgħaqqdu l-esperjenza, l-għerf u r-regoli tagħhom sabiex jaġixxu flimkien u jipproponu (jimpjontu) il-politika tagħhom dwar il-prezz tal-provvista, sabiex jinħoloq l-aktar ambjent kompetittiv possibbli li jirriżulta fi prezzijiet aktar ġusti u jevitaw l-ispekulazzjoni finanzjarja. Irid ikun hemm aktar għaqda bejn l-Istati Membri u dawn iridu jikkonformaw ma' regoli maqbula b'mod koġunt, fl-interess ta' l-utenti/konsumaturi billi jimplimentaw il-leġislazzjoni komunitarja li ġiet approvata qabel fil-livell nazzjonali.

1.1.4 L-aspetti ekonomiċi

1.1.4.1 Il-KESE jemmen li kompetizzjoni ġusta u mmexxija sewwa (il-proposta attwali tal-Kummissjoni ma tipprovdix għal dan), għandha tiffaċilita aktar sorsi ta' enerġija alternattiva u aktar investment fl-infrastruttura ta' l-enerġija. Dan iwassal biex il-kumpaniji (bħall-SMEs, per eżempju) jżidu l-produttività tagħhom sabiex jiksibu prezzijiet ġusti filwaqt li jżidu t-trasparenza u jnaqqsu r-riskju li kumpaniji oħra jkollhom pożizzjoni dominanti.

1.1.4.2 Wieħed mill-għanijiet prinċipali tat-tielet pakkett huwa li jinkoraġġixxi l-investment meħtieġ fl-infrastrutturi ta' l-enerġija u li jikkordina l-infrastrutturi fuq il-livell ta' l-UE. F'dan ir-rigward, il-miżuri proposti tal-Kummissjoni huma pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu jeħtieġ li jiġi assigurat li dawn il-miżuri għandhom jippermettu l-investment neċessarju fil-produzzjoni u tingħata fiduċja lill-investituri. Fir-rigward ta' l-iżvilupp tan-netwerks jeħtieġ li dawn il-miżuri jassiguraw pjanar adegwat li jikkunsidra l-partijiet kollha involuti. Dawn il-pjanijiet għandhom jiġu implimentati fil-livell adegwat u fil-limitu taż-żmien stabbilit. Dan l-investment jirrikjedi kontroll fil-livell ta' l-UE (mill-Aġenzija tar-Regolaturi ta' l-Enerġija). Suq pjuttost riġidu, b'kumpaniji joperaw f'kundizzjonijiet ta' oligopolija u fejn uħud mill-Istati mħumiex lesti jiddelegaw is-setgħa li għandhom fuq il-provvista, bil-mod jiltelf il-fiduċja ta' l-operaturi u l-utenti tiegħu, u jkollu jaffaċċja friża tal-likwidità. Għalhekk kundizzjonijiet bħal dawn għandhom jitneħħew.

1.1.5 L-aspetti soċjali

1.1.5.1 Il-proċessi ta' ristrutturazzjoni li ġejjin mill-effetti tat-tielet pakkett għandhom jiġu akkumpanjati minn politika dwar l-impjegi, bil-parteċipazzjoni tat-trejdjunjins u l-kumpaniji, permezz ta' strumenti bħar-*ristrutturazzjoni soċjali korporattiva* u l-miżuri li jtaffu l-effett tal-qgħad fuq livell nazzjonali u ta' l-UE. Huwa importanti li wieħed jinnotta li l-pajjiżi, li implimentaw is-separazzjoni tas-sjieda fin-netwerks ta' trasmissjoni, ma ġarrbu l-ebda effetti negattivi fuq l-impjegi.

1.1.5.2 Għalkemm il-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli se tibqa' kwistjoni strettament nazzjonali, huwa kruċjali li l-

Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' tali miżuri internazzjonali. Il-Kummissjoni trid tissorvelja wkoll l-implimentazzjoni tagħhom sabiex tassigura li tali miżuri jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' suq kompetittiv miftuħ. Jeħtieġ li l-kunċett ta' *energy poverty* jieħu postu fil-livell ta' l-UE (b'rata minima) u jiġu segwiti l-obbligi stabbiliti fid-direttivi attwali fl-oqsma tas-servizz pubbliku u ta' l-interess ġenerali.

1.1.6 L-utenti (in-negozji u l-konsumaturi)

1.1.6.1 Strateġija ġdida għall-politika ta' l-enerġija għandha twassal għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġenwina bejn il-kumpaniji, bil-għan li l-utenti tizdiedilhom l-għażla. In-netwerks ta' trasmissjoni għandhom ikunu aċċessibbli għal dawk kollha li jixtiequ jużawhom. Fil-kuntest tal-kumpaniji li jikkunsmaw ħafna enerġija, jeħtieġ li jinħoloq kuntratt Ewropew għax-xiri ta' l-enerġija bi prezzijiet standard (prezzijiet komparabbli jew il-liġi ta' prezz uniku), li jelimina l-għajjnuna mill-Istat (li jxekkel il-kompetizzjoni). Jeħtieġ li l-konsumaturi jaraw rikonoxximent ta' dawk id-drittijiet tagħhom li ġew stabbiliti mill-UE. Huma għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu l-fornitur li jridu u bl-irħas prezz possibbli.

1.1.7 Il-KESE jsostni li l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni għandu jkun ukoll li jżomm lill-kumpaniji monopolistiċi l-kbar u lit-trejdjunjins lura milli, permezz ta' azzjoni konġunta u mhux intenzjonata bejniethom, jippreservaw l-istatus quo. Fil-każ tal-kumpaniji l-kbar dan isir sabiex ikunu jistgħu jibqgħu f'pożizzjoni ta' vantaġġ filwaqt li fil-każ tat-trejdjunjins dan isir, u bir-raġun, biex jiddefendu l-impjegi.

1.2 Il-proposti tal-KESE

1.2.1 Suq uniku ta' l-enerġija

1.2.1.1 Biex taċċellera l-progress lejn suq uniku ta' l-enerġija, il-Kummissjoni jeħtieġ temenda l-proposti tat-tielet pakkett dwar l-enerġija biex b'hekk tikseb is-setgħa li taġixxi b'mod indipendenti fuq livell internazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tas-sorsi ta' l-enerġija. Għalhekk jeħtieġ li l-proposti, imressqa fil-pakkett, li jitrattaw il-kooperazzjoni reġjonali, jitqiesu bħala pass intermedjarju fit-triq lejn il-ksib ta' l-għan finali li huwa s-suq uniku ta' l-enerġija. L-Istati Membri għandhom jippruvaw jintegraw is-swieq ta' l-elettriku tagħhom, filwaqt li l-operaturi tas-sistema għandhom jaqdu lid-diversi Stati Membri. Il-KESE jemmen li l-proposta tat-tielet pakkett dwar il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tan-netwerk, bl-ebda mod m'għandha titqies bħala sostituzzjoni temporanja jew alternattiva għal suq uniku ta' l-enerġija. Huwa kruċjali li jkun hemm kooperazzjoni reġjonali, ibbażata fuq is-separazzjoni tas-sjieda, bejn operaturi tan-netwerks li jkunu effettivament separati mill-produzzjoni/bejgħ. L-inizjattivi reġjonali promossi mill-grupp tar-regolaturi Ewropej, ERGEG, f'dawn l-aħħar snin, għandhom jintużaw ukoll għall-valutazzjoni tal-konsistenza tar-regolament u tar-regoli tas-suq.

1.2.2 Is-separazzjoni vertikali integrata (unbundling)

1.2.2.1 Il-KESE jsostni li l-Kummissjoni għandha tiffavorixxi s-separazzjoni tas-sjieda (*ownership unbundling*), li bla dubju ta' xejn hija aħjar minn sistema ta' separazzjoni funzjonali sabiex jitħeġġeġ l-investment. Sistema bħal din ittejjeb it-trasparenza u l-fiduċja fl-operaturi, iżżid is-sigurtà tas-sistema, iżżid il-kontroll fuq il-monopolji, tevita mgħiba diskriminatorja u ttejjeb l-użu u ż-żamma tan-networks.

1.2.2.2 Se tkun meħtieġa aktar konsiderazzjoni u analiżi dwar l-implikazzjonijiet strateġiċi tas-sjieda tan-networks u dwar il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-indipendenza f'dan ir-rigward fost l-oħrajn b'rabta ma' l-interessi possibbli ta' pajjiżi terzi u li tinkludi l-għażla marbuta mas-sjieda tan-network (pubblika jew privata). Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-separazzjoni tas-sjieda m'għandhiex bżonn il-privatizzazzjoni tan-networks ta' trasmissjoni li bħalissa huma ta' sjieda pubblika.

1.2.2.3 M'hemmx differenzi suffiċjenti bejn is-settur ta' l-elettriku u dak tal-gass (ara l-eżempji ta' l-USA, id-Danimarka, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit, Spanja u l-Isvezja) għalhekk mhux iġġustifikat trattament differenti f'termini ta' separazzjoni tas-sjieda. Is-separazzjoni fis-sjieda tal-produzzjoni/bejgħ u t-trasmissjoni hija meħtieġa fiż-żewġ setturi. L-imgħiba diskriminatorja li tista' tirriżulta minn livell insuffiċjenti ta' separazzjoni vertikali hija l-istess. Il-kumpaniji li jbigħu l-gass m'għandhomx ikunu interessati f'min jimporta l-gass; minflok, l-interess tagħhom għandu jkun biss li jaħdmu ma' kumpaniji oħra li huma affidabbli u finanzjarjament b'saħħithom u li jistgħu jbigħu l-gass tagħhom.

1.2.3 L-Aġenzija Ewropea

Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija (ACER) trid tingħata aktar poteri biex:

- ikollha rwol regulatorju indipendenti;
- tissorvelja l-attivajiet ta' l-ENTSO u, flimkien ma' l-ENTSO u l-Panel Permanenti dwar is-Suq, tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-tejjija ta' lista ta' regoli meħtieġa għat-tfassil u l-approvazzjoni tal-linji gwida u l-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali;
- tistabbilixxi u tapprova kodiċijiet tekniċi u tas-suq;
- tistabbilixxi proċeduri għall-iffissar ta' tariffi u tiffissa tariffi għall-proċedura ta' kumpens ta' l-ispejjeż li jagħmlu l-operaturi tan-network fit-trasmissjoni ta' l-elettriku bejn il-fruntieri;
- tfassal linji gwida dwar il-prinċipji għall-iżvilupp ta' network u tapprova l-pjan ta' investment fuq għaxar snin propost mill-ENTSO;

— tippreżenta rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

— tikkonsulta l-operaturi tas-suq;

— tikkoordina l-ħidma ta' l-awtoritajiet nazzjonali; u

— tippromovi t-trasparenza permezz tal-proċeduri tal-ħatra għall-grupp ta' tmexxija (*steering group*) tagħha.

1.2.4 L-awtoritajiet nazzjonali

1.2.4.1 Ir-regolaturi nazzjonali għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-iżgurar ta' implimentazzjoni korretta tad-direttivi fuq livell nazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tar-regoli dwar l-użu imparzjali ta' l-infrastruttura. Għalhekk il-poteri tagħhom għandhom jiġu armonizzati u għandha tiżdied l-indipendenza tagħhom mill-kumpaniji nazzjonali u ta' l-enerġija fuq livell nazzjonali, sabiex ikunu jistgħu jissorveljaw u jimpedixxu abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti. Regolatur aktar indipendenti joħloq fiduċja fis-suq u jkun kapaċi jikkooopera b'mod aktar attiv ma' l-ACER.

1.2.5 In-Networks Ewropej ta' l-Operaturi tas-Sistemi ta' Trasmissjoni (ENTSOs — European Networks of Transmission System Operators)

1.2.5.1 Il-KESE jħeġġeġ koordinazzjoni aktar effettiva bejn l-operaturi tan-networks nazzjonali biex isir l-investment u titjieb il-ġestjoni ta' l-infrastruttura meħtieġa biex jiġi żvilupp tan-network Ewropew integrat. L-aġenzija għandu jkollha rwol akbar minn dak previst, biex tipproponi, tfassal, tissorvelja u tapprova l-kodiċijiet, sabiex tiżgura li l-interess pubbliku jingħata l-konsiderazzjoni xierqa. Ir-rwol ta' l-ENTSO m'għandux jaqbeż il-ħiliet u l-kompetenzi tiegħu. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà għat-tfassil tal-linji gwida u l-kodiċijiet tibqa' ta' l-ACER.

1.2.6 In-networks Ewropej u l-investment

1.2.6.1 Il-KESE jemmen li l-UE għandha tantiċipa l-iżviluppi futuri fl-użu tan-networks, permezz ta' programm ta' investment immirat sabiex joħloq sistema ta' networks Ewropej pubbliċi u/jew privati mmexxija mill-UE, li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, kemm għat-trasmissjoni kif ukoll għall-użu ta' l-enerġija. Għal dan il-għan jeħtieġ li jiġi assigurat li l-proċeduri ta' ġestjoni ta' l-interkonnessjonijiet huma tassew trasparenti, ibbażati fuq il-proċeduri tas-suq u li jippermettu li l-kummerċ jiżdied għal-limitu massimu possibbli tiegħu. L-investment għandu jsir fejn iġib vantaġġi soċjo-ekonomiċi minn perspettiva reġjonali. Il-partijiet interessati kollha tas-suq għandhom jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-kodiċijiet u l-pjan ta' investment fuq għaxar snin.

1.2.7 Id-demokrazija u r-rappreżentanza

1.2.7.1 Il-KESE jsostni li, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet preżenti jew futuri, il-konsumaturi għandhom ikunu rrappreżentati fil-bord ta' l-aġenzija. L-istess jgħodd għall-partijiet l-oħra interressati kollha (l-aġenti, it-trejdjunjins, il-kumpaniji), li appartenti milli jkunu rrappreżentati fil-bord jistgħu ikunu rrappreżentati wkoll f'korp speċjali ta' sorveljanza b'tali mod li l-iżvilupp normattiv jinkludi l-kunsens wiesa' u l-parteċipazzjoni possibbli, sa mill-bidu tiegħu u mhux matul il-fażi ahħarja ta' l-iżvilupp.

2. Introduzzjoni

2.1 Madwar għaxar snin ilu l-Kummissjoni ħadet l-ewwel passi (tard ħafna) lejn qafas regolatorju Ewropew għal suq uniku fil-qasam ta' l-elettriku u l-gass. Il-Kumitat għalhekk kellu l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu, xi drabi opposti għal dawk tal-Kummissjoni, fuq kwistjoni li matul is-snin saret dejjem aktar importanti u kontroversjali.

2.2 Bl-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' proposti leġiżlattivi dwar is-suq ta' l-elettriku u l-gass, il-Kummissjoni qiegħda tfitx li tikkonkludi l-proċess, f'kuntest internazzjonali li nbidel ħafna u li huwa sors ta' problemi ġodda għal kulħadd. Mhux l-Istati Membri kollha jaqblu dwar il-proposti u dan jista' jirriżulta f'dewmien fl-adozzjoni tal-proposti u jipperikola l-ksib ta' suq Ewropew uniku ta' l-enerġija.

2.3 Il-kompitu tal-KESE hu wieħed ta' responsabbiltà kbira: li jfassal opinjoni dwar waħda mill-aktar kwistjonijiet ċentrali (u kontroversjali) ta' dawn l-aħħar snin — kwistjoni li fuqha jistrieħ mhux biss is-suq uniku ta' l-enerġija, iżda d-destin tal-kumpaniji u l-konsumaturi Ewropej fis-settur, u tal-kumpaniji li mhumiex fl-UE.

2.4 Il-KESE jevalwa pożittivament l-istudju ta' l-impatt imwettaq mill-Kummissjoni, li minnu nnifisu joffri xi indikaturi tajbin dwar l-effikaċja tal-liberalizzazzjoni u l-kompetizzjoni "ġusta" (ara t-test).

3. L-għan tal-proposti tal-Kummissjoni

3.1 Li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu verament liberi li jagħżlu l-fornitur tagħhom minn fost firxa wiesgħa ta' possibiltajiet u li jgawdu l-benefiċċji li għandha ggħib dik il-bidla. Il-ħtieġa li jiġu assigurati kundizzjonijiet favorevoli għall-utenti trid tiġi osservata wkoll mill-kumpanija ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-UE.

3.2 Li jisseparaw il-produzzjoni u t-trasmissjoni mis-sjieda u t-tħaddim tan-netwerks ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass. Barra minn hekk tissemma' għażla oħra — dik ta' "l-Operatur ta' Sistema Indipendenti" — li tippermetti l-kumpaniji integrati vertikament li jżommu s-sjieda ta' netwerks biss jekk il-kapital fiss tagħhom ikun immexxi minn korp indipendenti jew impriżi oħra; dan għandu jinkoraġġixxi l-investment fl-infrastruttura.

3.3 Li jipprovdur risposti tanġibbli għall-frammentazzjoni tas-suq tul il-fruntieri nazzjonali, l-integrazzjoni vertikali eżistenti, il-konċentrazzjoni għolja tas-suq li fir-realtà impedixxiet kompetizzjoni ġenwina u l-istabbiliment tas-suq uniku ta' l-enerġija.

3.4 Li jħaffu l-kummerċ bejn il-fruntieri, li titwaqqaf Aġenzija bil-kompitu li tikkoordina l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tipprovdur kundizzjonijiet u opportunitajiet ugwali għan-negozji fis-settur li joperaw fil-pajjiżi differenti; dan għandu jassigura li jitwaqqaf netwerk Ewropew ġenwin sabiex iħares is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista. L-awtoritajiet nazzjonali għalhekk għandhom jaraw l-indipendenza tagħhom imsaħħa u ggarantita.

3.5 Li jinkoraġġixxu kooperazzjoni fuq il-bażi ta' regoli ġodda li għandhom jitwaqqfu mill-operaturi tan-netwerks Ewropej u li jassiguraw kooperazzjoni akbar bejn id-diversi swieq domestiċi fejn il-provvista tkun mhedda.

3.6 Li jżidu t-trasparenza billi jħaffu r-regoli tas-suq u jżommu lill-konsumaturi infurmati, sabiex tiżdied il-fiduċja ta' l-utent fil-valur intrinsiku tas-suq ħieles (iżda sa issa kemm nistgħu nġhidu li tassew kien hemm fiduċja konsistenti f'dan?).

3.7 Li s-sena d-dieħla l-konsumaturi jingħataw id-drittijiet ta' l-utenti ta' l-enerġija u li dawn jingħabru f'"Karta" (obbligatorja) speċjali li tinkludi tagħrif dwar il-fornituri, id-diversi opzjonijiet tas-suq, it-tnaqqis tal-burokrazija, il-faqar tal-fjuwil, eċċ. (1).

4. Il-proposti għal direttivi (elettriku u gass)

4.1 Is-separazzjoni (*unbundling*) effettiva (legali u operattiva) tas-sistema tal-forniment u t-trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass fl-Istati Membri kollha billi jinħolqu sistemi li ma jkunux integrati vertikament. Dan jista' jaqdi rwol ċentrali fis-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti ta' interess li jistgħu jinqalgħu:

- biex jiġi żgurat investment suffiċjenti f'sistema ta' forniment u trasmissjoni aktar effiċjenti kif ukoll titjib fil-ġestjoni tat-trasferimenti bejn il-fruntieri;
- biex jiġu evitati privileġġi jew trattament preferenzjali għal kumpaniji u sussidjarji li jinsabu f'sistemi ta' trasmissjoni u produzzjoni integrati vertikament;
- biex jiġi żgurat aċċess ġust u trasparenti għall-informazzjoni għall-partijiet kollha tas-suq u mhux għal dawk konnessi mal-kumpanija in kwistjoni biss.

4.2 Soluzzjoni possibbli, fil-każ ta' kumpanija b'integrazzjoni vertikali u nuqqas ta' rieda li timbarka fuq separazzjoni effettiva tas-sjieda, hija l-ħolqien ta' Operatur ta' Sistema Indipendenti (ISO). Dan l-operatur jista' jippermetti lill-kumpaniji li jżommu s-sjieda tan-netwerk, iżda ma jippermettilhomx li jħaddmuh. It-tali indipendenza tista' tinkiseb biss fi ħdan sistema regolatorja effettiva.

(1) Irreferi għall-Opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Lejn l-adozzjoni ta' Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi ta' l-Enerġija, CESE 71/2008.

4.2.1 L-indipendenza ta' l-operatur tan-netwerk tgħodd kemm għall-kumpaniji pubbliċi kif ukoll privati. Dan jgħodd ukoll għas-separazzjoni tas-sjieda tan-netwerk ta' trasmissjoni u s-sistemi tal-produzzjoni.

4.2.2 L-għan prinċipali huwa li l-kumpaniji li joperaw fis-settur tal-produzzjoni u l-forniment ta' l-elettriku u l-gass fil-pajjiżi kollha ta' l-UE joperaw b'mod separat għal kollox.

4.2.3 Id-direttiva proposta tipprovdi għal derogi temporanji fuq ir-regoli dwar is-separazzjoni tas-sjieda jekk il-kumpaniji jin-vestu f'infrastruttura ta' l-enerġija.

4.3 Is-separazzjoni tal-forniment u l-produzzjoni mill-operaturi tas-sistema hija prevista mhux biss fuq livell nazzjonali, iżda fl-UE kollha. L-ebda kumpanija li tipproduċi l-enerġija ma hi permessa li tmexxi jew li jkollha sistema ta' trasmissjoni fi Stat Membru ieħor. Kull operatur li jidħol u jsir parti mis-sistema jrid juri l-indipendenza tiegħu minn attivitajiet ta' forniment u produzzjoni.

4.4 Is-separazzjoni tas-sjieda trid twassal għal suq u netwerk li jiffunzjona sewwa, li finalment jirriżulta fl-iffissar korrett tal-prezz ta' l-elettriku u l-gass, possibbilment segwit minn tnaqqis fil-prezz, b'vantaġġi ovvi għall-konsumaturi u l-investituri fis-settur.

4.5 Huwa biss permezz ta' awtorità regolatorja indipendenti u operattiva li l-Operatur ta' Sistema Indipendenti se jkun jista' jaħdem sewwa u li s-separazzjoni tas-sjieda tas-sistema ta' produzzjoni u forniment tista' tkun effettiva. L-awtoritajiet legali jridu joperaw b'mod diskret, għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra u jridu jaġixxu indipendentement minn kwalunkwe interessi tas-suq. Huma jrid ikollhom poteri sħaħ u jridu jkunu kapaċi jikkooperaw bejniethom fl-Istati Membri sabieħ:

- jivverifikaw li d-diversi operaturi fis-suq jissodisfaw l-obbligi ta' trasparenza tagħhom;
- jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri għall-protezzjoni tal-konsumatur;
- jivverifikaw it-tħaddim korrett tat-trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass;
- jissorveljaw il-pjanijiet ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u jiċċekkjaw li huma kompatibbli ma' xulxin;
- joqogħdu attenti għal abbużi fis-suq jew għal operaturi dominanti li jxekklu l-iffissar korrett tal-prezzijiet.

L-aġenziji esterni (il-CESR, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija) għandhom rwol konsultattiv x'jaqdu fi ħdan il-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti.

5. Il-proposti għal regolamenti (ħolqien ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija, aċċess għan-netwerk ta' l-iskambju ta' l-elettriku bejn il-fruntieri u l-aċċess għan-netwerks tat-trasport tal-gass)

5.1 Il-konsolidament tas-swieq interni, b'regoli u approċċi komuni, huwa element fundamentali fl-iżvilupp tas-suq Ewropew ta' l-enerġija u biex jinkisbu l-iskambji meħtieġa bejn il-fruntieri. Id-dispożizzjonijiet preżenti (bħar-regoli tekniċi, jew il-kodiċi tan-netwerk, li bihom iridu joperaw il-kumpaniji ta' l-elettriku) jeħtieġ li jiġu armonizzati bejn id-diversi pajjiżi. Sa llum dan ma jidherx li twettaq bl-għajnuna ta' l-ERGEG. Din l-armonizzazzjoni tista' tiġi implimentata biss minn korp indipendenti u separat, li t-Trattat jitlob li jiġi stabbilit fil-forma ta' Aġenzija.

5.2 Il-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzija għandhom ikunu:

- li ttejjeb il-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet bejn il-fruntieri;
- li tissorvelja l-attività ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u tal-gass;
- li tivverifika l-effikaċja tal-pjanijiet ta' investiment fuq għaxar snin għan-netwerks;
- li tassigura li l-kooperazzjoni bejn l-operaturi ssir b'mod effettiv u trasparenti biex minnha jgawdi s-suq uniku;
- li tintervjeni b'deċiżjonijiet dwar aspetti tekniċi partikulari u dwar applikazzjonijiet għal derogi;
- li taqdi rwol konsultattiv dwar kwistjonijiet ta' regolazzjoni tas-suq u tappoġġja miżuri għat-titjib tal-prattiki adottati mill-korpi regolatorji nazzjonali.

5.3 L-istruttura organizzattiva se ssegwi l-mudell tipiku ta' l-aġenziji tal-Komunità u se tagħti attenzjoni partikulari lill-garanzija ta' l-indipendenza tal-funzjonijiet regolatorji. Għal dan il-għan jista' jitwaqqaf Bord tar-Regolaturi, Bord Amministrattiv maħtur mid-direttur ta' l-Aġenzija, li jkun responsabbli għall-kwistjonijiet ta' regolazzjoni kollha, kif ukoll Bord ta' l-Appell li jieħu ħsieb appelli kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tinkludi massimu ta' 40 sa 50 ruħ bi spiża massima ta' bejn EUR 6 u 7 miljun fis-sena, koperti b'għotjiet mill-Komunità.

5.4 Il-Kummissjoni għandha r-rwol ta' gwardjan tat-trattati u ta' "spettur ta' l-ispettur". L-Aġenzija għandha l-poter li tieħu deċiżjonijiet u l-poter tad-diskrezzjoni fuq kwistjonijiet tekniċi speċifiċi biss. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni biex tippromovi l-kooperazzjoni jew it-tħaddim xieraq tas-suq, fid-dawl ta' informazzjoni ta' l-Aġenzija jew fuq inizjattiva tagħha stess.

5.5 Il-kooperazzjoni effiċjenti ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni hija vitali sabiex tinkiseb integrazzjoni vera tas-suq. L-unika kooperazzjoni li teżisti bħalissa għandha xehtha volontarja u f'it li xejn ħalliet riżultati sodisfaċenti, speċjalment meta sehnew inċidenti fin-netwerk jew meta nqata' l-elettriku. L-integrazzjoni tat-tħaddim tas-sistemi fuq livell reġjonali tgħin:

- biex jiġi definit sett ta' kodiċi tekniċi u tas-suq li jkunu validi internazzjonalment;
- jiġu definiti kodiċi tekniċi f'każijiet fejn m'hemmx kooperazzjoni ġenwina bejn in-netwerks;
- tiġi żgurata mgħiba mhix diskriminatorja b'rabta mat-tħaddim u l-iżvilupp tan-netwerk;
- tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-swieq, li tippermetti l-konverġenza tal-prezzijiet, tnaqqas it-tħassib dwar il-konċentrazzjoni tas-swieq, tistimula l-likwidità eċċ.; u
- biex jiġi promoss il-finanzjament u l-ġestjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni.

5.6 L-istrutturi ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jridu jiġu rikonossuti b'mod sħiħ fuq livell Ewropew. Jistgħu jintużaw strutturi eżistenti bħall-GTE u l-ETSO, jew jiġu stabbiliti strutturi ċentrali ġodda, permanenti f'termini kemm ta' l-organizzazzjoni kif ukoll ta' strumenti prattiċi għall-ippjanar u l-ġestjoni tan-netwerks.

6. Kummenti ġenerali

6.1 Il-problema prinċipali tan-netwerks, speċjalment in-netwerks ta' l-elettriku, m'hijiex daqstant dik tal-liberalizzazzjoni nnifisha, iżda pjuttost l-assigurazzjoni li l-pubbliku u l-kumpaniji jkollhom aċċess għal dawn in-netwerks. Jistgħu jiġu kkunsidrati, per eżempju, networks Ewropej pubbliċi jew regolati mill-Unjoni u li huma aċċessibbli għal kulħadd.

6.2 Il-Kummissjoni għandha tippromovi l-investment fil-ħolqien ta' sistema ta' trasmissjoni kompletament innovattiva li tippermetti l-użu ta' l-elettriku fuq livell Ewropew permezz ta' netwerk interattiv intelliġenti. Simili għall-internet, dan in-netwerk jutilizza t-teknoloġija ta' *smart meter* u jħalli lill-enerġija timxi fiż-żewġ direzzjonijiet.

6.3 Dan għandu jinkoraġġixxi l-investment, iwassal għall-ħolqien ta' impjegji ġodda u jippermetti li l-islogan antik "poter lin-nies" isir realtà, jiġifieri li jibda jseħħ skambju ta' l-enerġija sabiex jinqdew il-ħtiġijiet ta' kulħadd, li l-istess regoli japplikaw għall-pajjiżi ta' l-Unjoni kollha mingħajr eċċezzjoni (kif diġà huwa l-każ bl-internet).

6.4 Dawn huma r-raġunijiet għaliex wieħed għandu jaħdem għas-separazzjoni sħiħa tas-sistema ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u għal għażla bejn is-separazzjoni u "operatur ta' sistema indipendenti" għan-netwerks tal-gass.

6.5 Se jkun diffiċli li jintlaħqu l-miri tal-Kummissjoni (it-tis-hih ta' l-awtoritajiet nazzjonali, it-tkabbir tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi tat-trasport, (ISO, TSO), iż-żieda fit-trasparenza tas-suq eċċ) mingħajr ma jingħelbu ċerti atteġġjamenti nazzjonali dejqa, mhux biss għal dak li għandu x'jaqşam man-netwerks, iżda wkoll fir-rigward tal-provvista, l-investment u l-bqija. Għalkemm dan mhux se jkun biżżejjed biex iżomm il-prezzijiet baxxi, dawn huma l-uniċi miżuri li jistgħu jassiguraw kwalità ta' servizz aħjar.

6.6 Il-konċentrazzjoni tar-riservi taż-żejt fi f'it żoni biss tad-dinja (61.8 % fil-Lvant Nofsani, 11.7 % fl-Ewropa u r-Russja, 9.4 % fl-Afrika, 8.5 % fl-Amerika ta' Isfel, 5.1 % fl-Amerika ta' Fuq u 3.5 % fil-Lvant (F. Profumo, Politecnico di Torino) għandha tqanqal lill-Kummissjoni sabiex teżerċita politika komuni li tkun aktar inċiżiva f'dawn iż-żoni kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali fejn jtfasslu l-ftehimiet u jittieħdu d-deċiżjonijiet. Inkella, il-liberalizzazzjoni pura u sempliċi tista' ssir nasba għal min ma jafx li mhux biżżejjed li l-prezzijiet jinżammu baxxi, li sikwit jogħlew b'riżultat ta' monopolji li jiddettaw il-kundizzjonijiet anki lill-korp politiku.

6.7 L-UE għandha timxi fuq il-pjan lejn kompetizzjoni regolata u trasparenza biex tagħmel is-sistema ekonomika aktar kompetittiva u trasparenti. Ir-rebħiet fuq il-Microsoft u l-Volkswagen jirrappreżentaw preċedent inkoraġġanti favur il-kompetizzjoni, għalkemm dan mhux biżżejjed. Għandhom jtfasslu wkoll miżuri aktar effettivi sabiex itaffu l-impatt u l-konsegwenzi fuq l-impjegji, kif ukoll miżuri u investment li jagħmlu s-sistema ekonomika aktar dinamika, sabiex jinħolqu opportunitajiet għall-ħaddiema u ż-żgħażaġh u b'hekk tonqos il-ħtieġa għall-"protezzjoni". Filfatt, jekk l-aktar figuri reċenti dwar it-tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa mhumiex inkoraġġanti (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni) dan huwa dovut, apparti għas-saħħa ta' l-ewro, għall-kompetittività baxxa tal-kumpaniji u l-"protezzjoni" li ħafna minnhom igawdu. It-tneħħija tal-monopolji li saru wara l-Att Uniku Ewropew għandu jkollha suċċess, peress li f'każ ta' falliment, l-interess taċ-ċittadini-konsumaturi ser jiġi disprezzat mid-diżorganizzazzjoni u mill-introduzzjoni mill-ġdid eventwali tal-fondi pubbliċi għas-sopravivenza tan-netwerks, bħalma għara fil-każ tal-ferrovija tar-Renju Unit.

6.8 Id-dibattitu dwar dan il-pakkett m'għandux ikun limitat għall-awditorji ta' l-istituzzjonijiet jew għal min qiegħed fis-settur. Il-Kummissjoni u l-KESE jridu jieħdu l-argument fid-dinja ta' barra u dak l-argument għandu jinvolvi lill-pubbliku bħala konsumaturi, ħaddiema u negozji, biex ikun evitat li d-deċiżjonijiet jiġu influwenzati biss mill-kumpaniji l-kbar ta' l-enerġija, li sikwit ikunu monopolji. (Per eżempju, jista' jiġi stabbilit blog dwar is-suġġett għall-pubbliku, għandu jkun hemm seduti pubbliċi f'ħafna mill-Istati Membri u f'xi bliet Ewropej u r-riżultati jiġu ppreżentati flimkien f'konferenza pubblika kbira organizzata fil-livell Komunitarju.) Barra minn hekk, il-kontroll ta' l-aġenziji Ewropej ta' regolamentazzjoni mħaddem mill-Kummissjoni għandu jkollu wkoll dimensjoni demokratika u jkun ikkonfermat minn dak tal-Parlament Ewropew.

7. Kummenti speċifiċi

7.1 Separazzjoni tas-sjeda tad-diversi attivitajiet fil-katina — ta' forniment u produzzjoni mit-tħaddim tan-netwerk (ownership unbundling). Dawn il-miżuri huma rekwiżit sabiex jitnaqqsu l-barrieri għad-dħul fis-suq. L-għan huwa li jiġu evitati kumpaniji integrati, li jwettqu diversi attivitajiet fil-katina, li jistgħu "jittrasferixxu" xi wħud mill-ispejjeż ta' l-attivitajiet liberalizzati għall-attivitajiet regolati u b'hekk igawdu vantaġġ kompetitiv mhux dovut fuq dawk li jwettqu biss l-attivitajiet suġġetti għall-kompetizzjoni. L-adozzjoni tad-direttivi dwar is-swieq tal-gass naturali u ta' l-elettriku mill-Istati Membri ma kinetx uniformi, u f'xi każi ppermettiet li jinħolqu kumpaniji li joperaw netwerk ta' trasmissjoni integrat vertikament u kumpaniji ta' produzzjoni u forniment.

7.2 Jiżiedu s-setgħat tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija, li jassiguraw kemm it-tħaddim mhux preġudikat tan-netwerks kif ukoll it-tħaddim mhux preġudikat ta' l-infrastruttura liċenzjata b'mod ġenerali. Dan huwa meħtieġ għal-liberalizzazzjoni (trasmissjoni, trasmissjoni u kejl fis-settur ta' l-enerġija; trasport, trasmissjoni, kejl, ħażna u gassifikazzjoni mill-ġdid, fis-settur tal-gass).

7.3 Ir-rwol prinċipali ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija sabiex tissorvelja l-attivitajiet tal-korpi nazzjonali indipendenti. It-twaqqif ta' korp regolatorju sovrannazzjonali bl-awtorità li jissorvelja l-attivitajiet tal-pajjiżi individwali involuti jista' jwassal għal attività regolatorja ta' kooperazzjoni definita b'mod ċar, għal tnaqqis fid-differenzi bejn il-prospetti ta' l-UE kollha kemm hi u l-prospetti ta' pajjiżi individwali, biex ikunu ffaċilitati soluzzjonijiet immirati lejn suq integrat ta' l-enerġija.

7.4 It-twaqqif ta' operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni indipendenti mis-sistema ta' produzzjoni li jikkooperaw flimkien biex jitrattaw kwistjonijiet ta' trasmissjoni b'mod effiċjenti. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni minn kumpaniji integrati vertikament għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-kumpaniji assoċjati u ma jagħtux biżżejjed informazzjoni lill-kompetituri l-ġodda. Ir-riżultat ta' l-investment li jsir fi ħdan kumpaniji integrati ħafna ftit li xejn iħalli effetti pożittivi billi l-kumpanija dominanti m'għandha l-ebda interess li ttejjeb in-netwerk għax dan jibbenefika prinċipalment lill-kompetituri tagħha. Is-separazzjoni formali u sostanzjali ta' l-operaturi tat-trasmissjoni tipprovdi l-istess garanziji ta' aċċess għan-netwerk lill-impriżi ta' trasmissjoni kollha u b'hekk tippermetti t-titjib teknoloġiku neċessarju li jassigura tħaddim aktar effiċjenti u, finalment, prezizzjoni aktar baxxi għall-utenti.

7.5 Il-ħolqien ta' trasparenza akbar u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq biex tiżdied il-likwidità tas-swieq ta' l-elettriku u l-gass. Teżisti nuqqas ta' informazzjoni dwar l-affidabilità fis-suq (bejn il-partijiet involuti fil-katina). L-iżbilanċ fl-informazzjoni bejn il-kumpaniji stabbiliti u l-kompetituri tagħhom huwa evidenti. Aktar trasparenza tnaqqas ir-riskji tad-dħul għall-partijiet ġodda fis-suq, tnaqqas il-barrieri u tkabbar il-fiduċja fis-swieq bl-ingrossa u fis-sinjali tal-prezzijiet. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li tiġi assigurata ċerta uniformità/korrispondenza fl-informazzjoni,

sabiex, mingħajr ma qatt tiġi injorata l-importanza tal-kunfidenzjalità strateġika/kummerċjali korporattiva, ma jkunx hemm lok għal interpretazzjonijiet inkonsistenti li jipperikolaw it-trasparenza ġenwina tas-suq.

7.6 L-operaturi tas-suq kollha jingħataw aċċess għall-informazzjoni bil-għan li titrawwem fiduċja u li s-suq ikun jista' jiżviluppa sew. Bosta operaturi ftit għandhom fiduċja fil-mekkaniżmu li bih jiġu fformati l-prezzijiet. Il-kuntratti dwar l-importazzjoni tal-gass jiġu konklużi fuq il-bażi ta' l-indiċi tal-prezzijiet derivati minn baskett ta' prodotti ġejjin miż-żejt, u għalhekk il-prezzijiet isegwu b'mod rigoruż ix-xejriet fis-suq taż-żejt. Din ir-relazzjoni hija riflessa fil-prezzijiet bl-ingrossa, li ma jiġux ifformati permezz tal-mekkaniżmu tal-forniment u d-domanda tas-suq, għad-dannu tas-sigurtà tal-provvista. Rigward il-kuntratti fit-tul dwar l-importazzjoni, m'hemm ebda xejriet ċari favur mekkaniżmi ta' formazzjoni tal-prezz ibbażati fuq id-dinamiċi tas-suq.

7.7 Jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati biex tkun assigurata t-trasparenza fil-produzzjoni ta' l-elettriku u l-gass. Jeħtieġ li d-domanda u l-provvista jibdeu jibassru fil-qosor u b'mod preċiż. Dawn hua r-rekwiżiti li jridu jintlaħqu mill-produtturi ta' l-elettriku; għal dan il-għan jeħtieġ li r-regolaturi nazzjonali jingħataw aktar poter.

7.8 Jiġu stabbiliti swieq tad-derivattivi. Id-derivattivi m'humiex biss mezz effettiv tal-ġestjoni tar-riskji fil-prezzijiet iżda huma wkoll strument naturali għall-iżvilupp tas-swieq ta' l-elettriku u l-gass. Għalkemm is-swieq ta' l-elettriku ilhom ftit li bdew jinnegozjaw kuntratti dwar id-derivattivi b'mod dirett jew indirett u diġà saru xi passi lejn l-uniformità, xorta għad baqa' ħafna xi jsir b'mod speċjali għaliex għandhom jeżistu differenzi ċari fis-suq tal-gass naturali Ewropew. Fil-fatt, filwaqt li jeżisti livell relattivament għoli ta' liberalizzazzjoni f'xi swieq (eż. r-Renju Unit), f'pajjiżi oħra lanqas biss hemm suq kontanti għall-gass naturali (eż. l-Italja).

7.9 Regolazzjoni ta' l-istallazzjonijiet ta' ħażna sabiex jiġi żgurat li l-ħażna kollha disponibbli għal terzi persuni tiġi offruta lis-suq b'mod trasparenti mhux b'mod diskriminatorju li jimpendixxi l-ħażna tal-kapaċità.

7.10 Kriterji pubbliċi u ċari li jstabbilixxu meta u kif l-aċċess tat-terzi persuni japplika għall-kapaċità ta' ħażna li tiġi offruta lis-suq.

7.11 Definizzjoni ta' regoli dettaljati u trasparenti dwar l-aċċess għall-istallazzjonijiet ta' l-LNG li jippermettu l-identifikazzjoni ta' l-infrastruttura eżentata. Iridu jiġu stabbiliti regoli għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' l-"istaġun miftuħ". Fil-fatt, l-introduzzjoni ta' din il-proċedura, li tipprovdi għal mekkaniżmu li jippermetti li l-ewwel tinħażen il-kapaċità imbagħad tinbena, tista' ma tkunx suffiċjenti sabiex tiggarantixxi aċċess akbar għall-operaturi. Dan ġej mill-fatt li l-allokazzjoni ewlenija tal-kapaċità ta' trasport fuq in-netwerk nazzjonali tat-trasport fi kwalunkwe każ trid tingħata lill-kumpanija li tagħmel il-pipelines tal-gass jew lill-istallazzjoni ta' l-LNG li jkun id-detentur ta' l-eżenzjoni.

Barra minn hekk, il-proċedura biex jiġu allokati l-20 % li jifdal tal-kapaċità tista' tkun ta' ostakolu għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq tal-provvista, għaliex tiffavorixxi lil dawk li jippruvaw jissaturaw dawn l-20 % b'kuntratti fit-tul għad-dannu kemm tas-swieq immedjati kif ukoll tal-flessibilità tal-forniment.

7.12 Jiġu identifikati ftehimiet bilaterali downstream fit-tul għall-forniment li jkunu konformi mal-liġi ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni. Il-livell ta' kompetizzjoni fis-swieq bl-imnut huwa limitat ħafna. L-effett kumulattiv ta' kuntratti fit-tul, kuntratti miftuħa, kuntratti bi klawnsoli ta' tiġdid taċiti u perijodi twal ta' terminazzjoni jistgħu jkunu ostakoli sostanzjali għall-kompetizzjoni. L-obbligi kuntrattwali li jorbtu lill-utenti finali industrijali u l-produtturi (kumpaniji stabbiliti) fuq perjodu twil ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Madankollu, teżisti domanda dejjem akbar għal provvista aktar kompetittiva, mingħand kumpaniji differenti mill-kumpaniji stabbiliti; provvista pan-Ewropea hija nieqsa u jeħtieġ li tiġi kkunsidrata serjament. Il-livell attwali ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri (l-Awstrija, il-Belġju) fejn il-konċentrazzjoni hija għolja, mhuwiex sodisfaċenti (hemm fitit wisq fornituri). Ir-restrizzjonijiet fuq kif il-gass jista' jiġi pprovdut lill-konsumaturi, flimkien ma' prattiċi restrittivi tal-fornituri fil-postijiet ta' kunsinna, iqajmu bosta tħassib dwar il-kompetizzjoni.

7.13 Is-swieq bl-imnut ta' l-elettriku u l-gass jiġu mħeġġa jkomplu l-proċess tat-tneħħija tar-regolamenti. Huwa biss permezz ta' suq bl-imnut ġenwin li l-Ewropej jistgħu jgawdu mill-kompetizzjoni. Dan ifisser li jiddaħħlu regoli semplifikati dwar l-aċċess għas-suq sabiex il-produtturi u d-distributuri żgħar ikunu jistgħu jipparteċipaw u jiġu mħeġġa l-likwidità tas-suq u l-prezzijiet tas-suq aktar kompetittivi. L-assigurazzjoni tal-likwidità hija essenzjali sabiex tikber il-fiduċja ta' l-operaturi fil-formazzjoni tal-prezzijiet kemm fis-swieq ta' l-elettriku kif ukoll fil-hubs tal-gass, billi, b'mod speċjali fir-rigward ta' dawn ta' l-aħħar, tagħmilha possibbli li wieħed jinħall mir-rabtiet mal-prodotti.

7.14 Ir-rwol prinċipali li għandhom is-swieq ta' l-elettriku u l-gass li mhumiex regolati, sabiex iżidu l-kuxjenza pubblika u

tan-negozju dwar il-konsum *intelliġenti* ta' l-enerġija li jippermetti tnaqqis fl-ispejjeż u l-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet. Dan jinvolvi l-edukazzjoni tal-pubbliku dwar sorsi ta' l-enerġija disponibbli bħalissa u l-iżvilupp ta' sorsi alternattivi ta' l-enerġija (enerġija li tiġġedded) biex jifhmu l-importanza vitali ta' din il-komodità, fid-dawl ta' l-iskarsezza preżenti. Li toffri lill-utenti finali kuntratti li jistgħu jiġu adattati skond il-mudelli ta' konsum huwa essenzjali kemm f'termini ta' ffrankar ta' l-enerġija kif ukoll ta' l-ispejjeż li jgħorru l-utenti finali.

7.15 Bħala l-utent finali responsabbli, il-pubbliku jrid jiġi infurmat ukoll dwar jekk l-istituzzjonijiet regolatorji jkunux qegħdin josservaw jew jabbużaw mir-regoli, sabiex huwa jkun jista' jinforza d-drittijiet tiegħu, anki permezz ta' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur.

7.16 Ikun assigurat li t-talba tiġi sodisfatta anki fil-ħinijiet ta' l-akbar domanda. Fil-każ ta' l-elettriku, il-problemi jinjalghu f'termini tal-kapaċità ta' produzzjoni u l-ħila tan-netwerk li jittrasporta l-enerġija; fil-każ tal-gass, irid ikun hemm kapaċità suffiċjenti ta' importazzjoni u ħażna. Fi kwalunkwe każ, huwa fatt magħruf sewwa li l-kapaċità ta' l-importazzjoni hija limitata, billi t-trasport tal-kapaċità huwa riservat minn kumpaniji stabbiliti b'kuntratti għal perijodi sa 20 sena jew aktar. Dan ifisser li proġetti ġodda u proġetti għar-ristrutturar/estensjoni ta' l-infrastruttura ta' l-elettriku u tal-gass naturali (pipelines tal-gass) jridu jipproċedu b'pass mgħaġġel kemm fuq il-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali. L-impjanti ta' gassifikazzjoni mill-ġdid huma ta' importanza primarja: b'mod partikulari fil-Mediterran, huma jaqdu rwol ewlieni bħala kollegament mal-pajjiżi produtturi prinċipali (il-Libja, l-Alġerija).

7.17 Solidarjetà akbar: hemm bżonn li l-pajjiżi ta' l-UE jip-promovu, kemm fuq livell reġjonali kif ukoll bilaterali, ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprovdu għal assistenza u kooperazzjoni reċiproka meta Stat Membru ta' l-UE jsib ruħu f'defiċit ta' l-enerġija li jirriżulta minħabba ċirkustanzi li ma kienx direttament responsabbli għalihom.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS